MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 886/2001/1

**Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta.**

**-vs-**

**Adventure Hair Products Limited u KMS (Malta) Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjetajiet konvenuti ilhom jokkupaw il-fabbrika M2A li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta' l-Imriehel mill-1 ta' Awissu, 1995.

Illi s-socjetajiet konvenuti ghandhom ihallsu lill-Korporazzjoni attrici l-ammont dovut bhala arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika M2A, gewwa l-Qasam Industrijali ta' l-Imriehel mill-1 ta' Frar 1999 sal-31 ta' Lulju 2001 skond il-prospett anness u mmarkat Dok "A".

Illi l-istess socjetajiet konvenuti, minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu kumpens gall-okkupazzjoni kif dovuta tramite likwidazzjoni, baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli jew min minnhom huwa responsabbli ghall-hlas ta' l-arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika M2A, Qasam Industrijali, Mriehel;

2. Tillikwida l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas lill-Korporazzjoni attrici mis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika M2A, Qasam Industrijali, Mriehel mill-1 ta' Frar, 1999 sa l-31 ta' Lulju, 2001 skond il-prospett anness u mmarkat Dok "A";

3. Tikkundanna lill-istess socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-Korporazzjoni attrici is-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens ghall-okkupazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjetajiet konvenuti, inkluzi dawk ta' mandat ta' qbid li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Patrick Catania, I.D 325763(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta

Adventure Hair Products Limitedipprezentata fit-8 ta' Jannar, 2004 li permezz taghha eccepixxiet:

1. Illi hija illum socjeta' fi stat ta' xoljiment u stralc; bhala stralcarju huwa jista' jixhed sa fejn huwa jaf;

2. Illi l-azzjoni attrici hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2156 (c) u (f);

3. Illi sa fejn jaf huwa is-socjeta' eccipjenti waqfet topera fil-1998;

4. Illi sad-data ta' l-effettiva okkupazzjoni u attivita', is-socjeta' esponenti hallset kull ma kien dovut ghaliha;

5. Illi l-eccipjenti tipprotesta ruhha kontra l-ispejjez ta' din l-istanza ghaliex irrizulta illi qatt ma giet interpellata thallas; hija kienet waslet proprju biex taghlaq l-istralc u ma kenitx ser thalli problema bhal dan pendenti;

6. Illi l-eccipjenti jirriserva li jeccepixxi wara li jitkellem mad-Diretturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Ignatius Licari, I.D. 0241744(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti KMS (Malta) Limited ma ppresentaw ebda nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci skond il-Ligi, *nonostante* li gew notifikati debitament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar, 2005 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet lill-Avukati.

Ikkunsidrat.

Illi l-korporazzjoni attrici qed titlob il-likwidazzjoni ta' kumpens li ghandu jithallas lilha mis-socjetajiet konvenuti ghall-okkupazzoni tal-fabbrika msemmija. Jidher li l-korporazzjoni attrici tidhol fi ftehim minghajr ma dan il-ftehim jigi kwalifikat bhala lokazzjoni izda fil-verita' ikun jixbah hafna kuntratt ta' lokazzjoni.

Is-socjeta' Adventure Hair Products eccepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156 (c) u (f); anzi ghandu jinghad li l-eccezzjonijiet ippresentahom l-istralcjarju billi s-socjeta' qed tigi likwidata. Is-socjeta' konvenuta l-ohra ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci skond il-Ligi.

Skond ix-xhieda ta' Ray Von Brockdorff li huwa ufficjal tal-korporazzjoni, l-allokazzjoni originali saret lis-socjeta' KMS Research Laboratories Limited u li kien baqa' jithallas bilanc ta' erbat elef, mitejn u disgha u sebghin Liri Maltin (Lm4,279). Ghal xi raguni s-socjeta' Adventure Hair Products Limited issostitwiet lil KMS wara xi zmien u l-bilanc skond dan ix-xhud gie akkollat lilha. Il-bilanc kien dovut sa l-ahhar ta' Lulju 2001 u cioe' meta bdiet il-kawza. Mid-dokumenti esebiti jidher li Adventure Hair Products mill-ewwel kienu fl-istorja ghaliex il-korrispondenza tixhed dan. Anzi fil-ftehim a fol 61 tal-process l-istess socjeta' accettat li kellha taghti tlett elef, mija u sebghin Liri Maltin (Lm3,170) lill-atturi sa l-24 ta' Mejju, 2001 u dakinhar thallsu sitt mija u sebghin Liri Maltin (Lm670) *on account.* Il-kumplament kellu jithallas sa l-ahhar ta' dik is-sena.

Mid-deposizzjoni ta' Ernest Mallia (fol 84 *et sequitur*) jidher li kien hemm konnessjoni bejn is-socjetajiet konvenuti billi jidher li s-socjeta' Adventure Hair Products mill-ewwel okkupat il-fabbrika hi. L-awditur tas-socjeta' Carmel Buttigieg ikkonferma li l-ammont ta' erbat elef, mitejn u disgha u sebghin Liri Maltin (Lm4,279) kien in effetti dovut (xhieda tas-26 ta' Jannar, 2005).

Rigward il-preskrizzjoni, ladarba saret l-iskrittura f'Mejju tas-

sena 2001, il-preskrizzjoni kellha tibda dakinhar u billi l-preskrizzjonijet sollevati mill-konvenuti huma t-tnejn ta' hames snin jidher car li ma jistghux jigu akkolti ghaliex il-konvenuti gew notifikati bic-citazzjoni fis-sena 2003.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-kontumacja tas-socjeta' KMS (Malta) Limited, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Adventure Hair Products Limited u tilqa' t-talbiet attrici billi, tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti repsonsabbli ghall-hlas tal-arretrati ta' kumpens imsemmija, tillikwida dan il-kumpens ghas-somma ta' erbat elef mitejn u disgha u sebghin elf Liri Maltin (Lm4,279) u tikundannahom ihallsu din is-somma lill-korporazzjoni attrici.**

**L-ispejjes jithallsu mis-socjetajiet konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------